*Ritratt mill-Ħajja tal-Imgħoddi fis-Siġġiewi*

# Il-Palju tal-Imnarja

Tagħrif miġbur minn Nicholas Bezzina

Din is-sena, l-għada tal-festa ta' San Nikola, se jaħbat Jum l-Imnarja li hija festa ddedikata liż-żewġ appostli kbar San Pietru u San Pawl. Nafu lkoll kif din il-festa ġġib magħha diversi tradizzjonijiet antiki li għall-grazzja t'Alla għadhom ħajjin fostna. Il-lejla ta' bejn it-28 u d-29 ta' Ġunju diversi nies jieħdu gost iqattgħuha fil-Buskett – fost l-għana u l-ikel tal-fenek ma' xarba nbid tajjeb. L-għada, imbagħad, propju nhar il-festa, ikun hemm il-wirja tal-bhejjem filgħodu kif ukoll it-tiġrijiet tal-bhejjem li jsiru waranofsinhar fit-triq ta' taħt is-Saqqajja tar-Rabat li tieħu għas-Siġġiewi.



Niftakarni meta kont tifel konna mmorru numerużi għal dawn it-tiġrijiet. Sriebet twal ta' nies mis-Siġġiewi – u minn bnadi oħra naturalment – kienu jerħulha bil-mixi lejn is-Saqqajja. Għall-ħabta tat-3.00 kienu jibdew it-tiġrijiet: mill-plieri t'isfel nett jitilqu ż-żwiemel jew l-ibgħula u minn dawk iktar 'il fuq kienu jibdew it-tiġrijiet tal-ħmir u jibqgħu telgħin sa quddiem il-gallerija fejn, fi żmien il-Kavallieri, kien ikun hemm il-Gran Mastru li mbagħad jippremja lir-rebbieħa. U x'kienu jagħtuhom lil dawn?

L-ewwel tliet postijiet f'kull tiġrija kienu jingħataw palju: aħmar għall-ewwel, ikħal għat-tieni u isfar għat-tielet post. Wara t-tiġrijiet kollha, arana kulħadd jerġa' lura lejn ir-raħal. Ir-rebbieħa tal-palju arahom neżlin lura kburin ixejru l-palju u, flimkien ma' ġuvintur oħra, jibdew iwaddbu t-tuffieħ lin-nies u saħansitra l-qubbajd lill-maħbuba tagħhom li kienet tkun tistenna mat-triq.

Il-palju kien ikun magħmul minn drapp fin ħafna li, wara r-rebħa, ħafna drabi kien jingħata lill-knisja biex issir xi terħa tal-altar, jew lil xi saċerdot biex minnu jagħmel pjaneta, jew inkella kien jintuża bħala pavaljun mat-twieqi jew mal-gallerija għal waqt il-purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesù u ta' Corpus.

Fir-ritratt t'hawn fuq, meħud fl-Imnarja tal-1909, jiġifieri mitt sena ilu eżatt, tidher il-bagħla ta' Toni Muscat (Tal-Megin) li rebħet l-ewwel post bosta drabi. Mix-xellug għal-lemin jidhru Karmnu Muscat (Tal-Megin), Ċikku Schembri (Tal-Furnar), Ġużeppi Muscat, Salvu Muscat (ta' xi sentejn) riekeb fuq dahar il-bagħla, Toni Muscat (sid il-bagħla) u t-tfajjel Ġużeppi Muscat (kollha Tal-Megin).